MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 598/2012

**Rikors Guramentat Nru. 598/2012**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LLD.,**
**bhala mandatarju specjali ta'**
**COMITÉ INTERNATIONAL OLYMPIQUE**
**assocjazzjoni estera bi personalita' guridika distinta,**
**organizzata taht il-ligijiet tal-Isvizzera u**
**b'indirizz ta' Château de Vidy, 1007 Lausanne, fl-Isvizzera**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Nadine Farrugia**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**
**BANK EL-BARAKA D'ALGERIE, entita' estera b'indikazzjoni**
**ta' indirizz ta' "AGENCE 403 BATNA 18 RUE BENBADIS BATNA" fl-Algerija**
**b'digriet tas-6 ta' Awwissu, 2012, u**

**giet imsejha fil-kawza EURL COUQE IMPORT EXPORT entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "CITE DHRIBINA 1226 NO 1007 LOT 362, TRANCHES AIN ABID, CONSTANTINE" fl-Algerija b'digriet tal-10 ta' Lulju 2012, u**

**Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil imsejha fil-kawza EURL COUQE IMPORT EXPORT entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "CITE DHRIBINA 1226 NO 1007 LOT 362, TRANCHES AIN ABID, CONSTANTINE" fl-Algerija b'digriet tal-1 ta' Novembru 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-13 ta' Gunju 2012 li jghid hekk:
1. Illi l-assocjazzjoni attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta in konnessjoni mal-loghob olimpiku, hija propjretarja ta' diversi *trademarks* li jkopru n-negozju taghha f'artikli ta' merkanzija dwar il-loghob olimpiku gewwa Londra fir-Renju Unit fis-sena elfejn u tnax (2012), fosthom prodotti ta' *footwear*;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, l-assocjazzjoni attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi dwar it-*trademarks* taghha dwar il-loghob olimpiku gewwa Londra fir-Renju Unit fis-sena elfejn u tnax (2012);

3. Illi fost ohrajn, l-assocjazzjoni attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) it-*trademarks* "london 2012" (figurattiva, numru 006387724), "LONDON 2012" (numru 003422921), disinn ta' hames cirki (figurattiva, numru 002970366), "2012" (figurattiva, numru 006250641), u "2012" (figurattiva, numru 006258222), u dawn *inter alia* dwar kull xorta ta' *footwear*;

4. Illi l-assocjazzjoni attrici hija "detentrici ta' dritt" għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta), biex b'hekk tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414), b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

5. Illi recentement waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414) il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU 8499995 kontenenti (fost ohrajn) tip ta' sandli li kollha ghandhom fuqhom it-*trademark* figurattiva "london 2012" *u* waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura doganali. L-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lill-assocjazzjoni attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

6. Illi l-assocjazzjoni attrici giet mgharrfa bis-sejba fil-hmistax (15) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta' polza ta' karigu relattiva ghal dan il-kaz intitolata DRAFT BILL OF LADING fejn, bhala SHIPPER hemm indikata "MASTEL LINE LIMITED", minghajr indikazzjoni ta' indirizz, filwaqt li bhala CONSIGNEE hemm indikata "BANK EL-BARAKA D'ALGERIE", b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "AGENCE 403 BATNA 18 RUE BENBADIS BATNA" fl-Algerija;

7. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox sbatax-il elf tmien mija tnejn u disghin (17,892) par sandli, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tal-assocjazzjoni attrici stante li oggetti falsifikati;

8. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sat-tlettax (13) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) inkluz, sabiex l-assocjazzjoni attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

9. Illi minkejja li debitament interpellata sabiex *inter alia* tersaq bonarjament ghad-distruzzjoni tal-oggetti kontravvenjenti, il-konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

10. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatt hawn kollha dikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'tip ta' sandli, liema oggetti kollha ghandhom fuqhom it-*trademark* figurattiva "london 2012" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* TGHU 8499995 kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tal-assocjazzjoni attrici stante li ogetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lill-assocjazzjoni attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u ghas-spejjez taghha;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-

ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata hamsa (5) ta’ Gunju elfejn u tnax (2012), kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-digrieti tas-6 ta’ Awwissu, 2012 u tal-1 ta’ Novembru 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-konvenuti/entitajiet intimati;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech et tat-30 ta’ Awwissu 2012 fejn ecceppew:
1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Mark A. Mifsud Cutajar et tal-11 ta’ Jannar 2013 fejn ecceppew:
Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d’ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-assocjazzjoni attrici hija proprjetarja tal-markji “london 2012”, “LONDON 2012” u “2012” u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta’ din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta’ trademarks fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri 006387724, 003422921, 002970366,

006250641 u 006258222 skond Dok. B sa D, M u N annessi mal-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. K fol. 76) li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru TGHU 8499995 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti fi sbatax-il elf tmien mija tnejn u disghin (17,892) par sandli bil-marka "london 2012", u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa l- assocjazzjoni attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM CORTE REAL fil-5 ta' Mejju 2012 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fil-11 ta' Mejju 2012 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lil konvenuti/ entitajiet intimati (Dok. AC, cioe affidavit ta' Howard Stupp,  rapprezentant tal-assocjazzjoni attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess entitajiet konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 13 ta' Gunju 2012 (Dok. K fol. 76).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’tip ta’ sandli bil-marka “london 2012”, li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru TGHU 8499995 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tal-assocjazzjoni attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta’ din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti/entitajiet intimati u a spejjez taghhom;

3. Tordna lil konvenuti/entitajiet intimati jhallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. K fol. 76;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti/entitajiet intimati b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------